**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 657/2021DC**

***Repubblika***
***vs***
***L-Avukat Ġenerali***

Illum, 13 ta' Lulju 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat ta'l-Istat preżentat fit-23 ta' Ġunju 2023 permezz ta' liema lil Qorti jikkonċedielu permess speċjali biex jkun jista' jintavola appell minn degriet mgħoti fit-13 ta' Ġunju 2023.

Rat ir-risposta ta'l-għaqda attriċi preżentata f'l-10 ta' Lulju 2023 permezz ta' liema opponiet din it-talba.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma nhar il-11 ta' Lulju 2023 meta l-partijiet iddikjaraw li qed jistriehu fuq ir-rikors u r-risposta rispettivi u li ma kellhomx sottomissjonijiet ulterjuri x'jagħmlu.

Ikkunsidrat

Illi skond verbal ta' l-udjenza miħmuma fit-8 ta' Novembru 2022:

- L-avukati tal-partijiet qablu li *għalissa l-provi ha jinstemgħu bil-magħluq u li l-avukati u l-partijiet li ha jkunu preżenti waqt is-seduta ma jistgħux jiżvelaw dak li jkun qed jintqal. Il-verbali u l-provi kollha li ħa jinġabru mil-lum 'l quddiem għalissa m'għandhomx ikunu pubbliċi. Barra minhekk l-atti tal-kawża għamdhom jibqgħu fis-siġrieta b'aċċess biss lill-partijiet u lill-avukati tagħhom.*

- L-avukati tal-konvenuta ntrabtu li jippruvaw igiebu prova dwar deċizjoni mgħotija mit-Tribunal arbitrali taħt l-ICSID Convention. u
- Il-Qorti irriżervat li tagħti degriet jekk dawn il-proċeduri għandhomx jibqgħu bil-magħluq jew le.

Illi d-dokument imesmmi mill-konvenuta gie esebit u hija insistiet li l-proċeduri kellhom jitkomplew bil-magħluq; min-naha tagħha l-attrici baqgħet topponi għaliex deherilha li d-dokument esebiet ma kienx jimponi xi obbligu ta' segretezza fir-rigward tal-proċeduri odjerni.

Illi b'degriet mgħoti fit-13 ta' Ġunju 2023 il-Qorti ordnat li l-proċeduri jitkomplew jinstemgħu bil-miftuħ.

Illi l-konvenuta issa qed titlob il-peremss speċjali tal-Qorti biex tkun tista' tintavola appell minn dak id-degriet. Kif intqal l-attriċi qed topponi din it-talba.

Illi fir-rikors odjern l-konvenuta tgħid li jekk l-appell mid-degriet tat-13 ta' Ġunju 2023 jsir mas-sentenza finali ma jkunx għad baqa' skop għall-appell għaliex il-proċeduri jkunu ntemmu u dik l-informazzjoni li l-konvenuta trid li ma tkunx pubblika tkun laħqet ħarġet fil-pubbliku. F'dan ir-rigward l-konvenuta għandha raġun.

Illi għalhekk u biex tħares id-dritt tal-konvenuta li tissindika b'mod effettiv id-deġriet mgħoti minn din il-Qorti, hija ser tilqa t-talba.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' t-talba tal-konvenuta l-Avukat Ġenerali u ai termini ta'l-artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tagħti lill-istess konvenuta permess li tappella d-degriet mgħoti fit-13 ta' Ġunju 2023 b'dan li, ai termini ta'l-artikolu 229(6) tal-Kapitolu 12, iż-żmien li fiħ għandu jsir l-appell huwa ta' sitt ijiem mill-llum.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**